KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Sitta u Sebgħin (76)*

***Il-Hamis, 14 ta' Dicembru, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Bi qbil unanimu mal-membri kollha tal-Kunsill, il-Laqgħa bdiet fil-5:00pm***

**76.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

76.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

76.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 75 li nzammet nhar it-Tlieta 21 ta' Novembru 2017.

76.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 75 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

76.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 75. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 75 gew approvati unanimament.

76.2.4 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar l-appell tat-tender tal-iStreet Sweeping. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju, jekk il-Kunsill ma jehilx penali, ghandu jirrevoka it-tender minhabba li kien hemm xi klawsoli li ma kienux cari fit-tender. F'kaz li hemm cans ta' penali, il-Kunsill ghandu jistenna l-parir tal-Avukat. It-tender ma jergax johrog ghalissa u il-knis jibda jsir mill-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob ghal zewg haddiema ohra. Sadanittant il-Kunsill se jkun qieghed igedded il-kuntratt prezenti sakemm isir il-programm tax-xoghol tal-haddiema inkluz il-knis.

**76.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 76/2017 – Dicembru 2017***

76.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76-2017 biċ-ċekkijiet numru 5861 sa 5890 li tammonta €20,423.37

76.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ghall-approvazzjoni il-pagament tal-hlas tal-kera tat-turretta li jammonta ghal €250.

76.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ghall-approvazzjoni, il-multa li l-Kunsill wehel mill-OHSA minhabba li qatt ma sar r-*Risk Assessment Report* tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan isir u naraw kif nistghu intejbu s-sitwazzjoni bil-limitazzjonijiet kollha tal-binja tal-Kunsill.

76.3.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76-2017 bl-ammont ta' €20,423.37 u l-ammont imnizzel f'materja numru 76.3.2 u 76.3.3.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

76.3.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 76-2017 ġiet approvata unanimament.

**76.4 Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2017**

76.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Kunsillier Keith Fenech taw spjegazzjoni tal-figuri imnizzla fir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2017.

76.4.2 Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2017, gie approvat unanimament.

**76.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2016**

76.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Audited Financial Statements 2016 ghadhom ma ntbaghtux min-naha tal-Awdituri. Infurmat ukoll li b'din is-sitwazzjoni huwa konxju ukoll id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**76.6 Tizjin ghall-zmien il-Milied**

76.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar il-korrispondenza li ntbaghtet mis-Segretarju tal-Kazin ta' Santa Marija fejn infurmaw li mhux se jarmaw l-arbli. Il-Kunsill iddecieda li ghal din is-sena l-arbli ma jintramawx minhabba li l-bnadar mhux se jkunu lesti.

76.6.2 Rigward ir-Riceviment ghall-anzjani, il-Kunsill qabel li ghandha tintalab il-prezz ta' €5 ghal kull min jattendi. Ir-Riceviment ser isir fit-30 ta' Dicembru 2017 fis-Sala tal-Kappillan bejn l-4pm u s-6pm filwaqt li l-ikla tal-Kunsill se ssir fit-22 ta' Dicembru.

**76.7 Tender *Patching Works***

76.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li il-kuntrattur li rebah it-tender tal-patching baqa ma giex jiffirma l-kuntratt wara diversi notifiki.

76.7.2 Ghaldaqstant il-Kunsill m'ghandu alternattiva ohra hlief li jerga johrog it-tender.

**76.8 Korrispondenza**

76.8.1 Tressqu diversi korrispondenzi dwar l-applikazzjonijiet tal-PA. Hadd mill-Kunsilliera ma kellu oggezzjonijiet.

76.8.2 Tressqet korrispondenza minghand il-kuntrattur li ghamel ix-xoghol fi Triq il-Wilga fejn qed jaghti lill-Kunsill l-ahhar notifika minhabba li baqa' ma thallasx ta' xoghol li sar fl-istess triq. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-invoice giet mghoddija lill-Perit ghac-certifikazzjoni tax-xoghlijiet f'Gunju 2017, izda sal-lum il-gurnata ghad ma rcevitx ic-certifikazzjoni tax-xoghlijiet. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur ghandu jithallas l-ammont pendenti u tingibed l-attenzjoni lill-Perit.

76.8.3 Fuq materja 76.8.2 is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li ntbaghtet korrispondenza lill-membri kollha dwar il-pendenzi li hemm bzonn minghand il-perit. Is-Sindku qal li ghandu jinhareg it-tender.

76.8.4 Tressqet korrispondenza minghand il-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq fejn kitbulna li accettaw it-talba taghna biex l-isqaq fi Triq Santa Marija jissemma Sqaq il-Gilju.

76.8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti approvati mill-PA dwar it-tabella fi Triq il-Belt Valletta.

76.8.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korripondenza minghand l-impjegati tal-Kunsill, dwar tigdid ta' hamest ijiem *vacation leave* rispettivament. Il-Kunsill approva.

**76.9 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

76.9.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-courses tat-TCTC fejn qal li jekk il-Kunsill jorganizza course ghandu jitlob biex isiru fil-Kunsill Lokali u mhux fic-Centru tat-TCTC ta' Bir id-deheb.

76.9.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn isiru xi bankini li hemm nieqsa fit-toroq li huma lesti mit-tarmac. Is-Sindku issugerixxa li issir il-bankina ta' Triq il-Hareb man-naha tan-nies.

76.9.3 Is-Sindku Darren Abela ippropona li jsiru *cat kennels* ohra fi Triq Dar il-Bebbux, fejn il-muzew tal-bniet, u ohra fi Gnien il-Kunsill. Dwar dawn is-Sindku qal li tkellem mar-residenti tal-madwar u huma qeghdin jaqblu li ssir.

76.9.4 Rigward ir-restawr tat-Turetta, is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill japplika sabiex isir ir-restawr taghha. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tintalab stima tax-xoghlijiet mill-perit biex japplika.

**76.10 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

76.10.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li ssir talba lill-Ministru Ian Borg sabiex Triq Wenzu Dalli tinfetah*. Ritratti tal-hajt.*

76.10.2 Il-Kunsilliera Miriam Schembri pproniet li ssir talba sabiex isiru l-*underground skips*. Il-Kunsill qabel li jressaq t-talba lill-Greenpak peress li tnehhew il-bring-in-sites.

76.10.3 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar il-garaxx tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv infumat li intbaghtet l-ittra lid-Dipartiment ghall-approvazzjoni tal-Ministru.

**76.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

76.11.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2018 fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fis-19:03pm

________________________
Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku